MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 279/2012

**Mobisle Communication Ltd**
**C 24655**

**Vs**

**Fenech Philip**
**ID No. 2779G**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' April 2012 fejn is-socjeta attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u tmienja u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (€1,858.20) in konnessjoni ma' Laptop Connect (AC 51102091) u li jinkludi HP Compaq 610 u Bandluxe C270 u dan skont kuntratt tas-27 ta' Lulju, 2010.

Illi l-konvenut giet debitament interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u blispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 372/12.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tat-23 ta' Mejju 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2012 u filfatt il-konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija u tmienja u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (€1,858.20) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------